## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 365**

**AĠENT PRIM MINISTRU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, 21 ta' Marzu, 2019, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

L-20 ta' Marzu, 2019
(OPM/40/2017)

**Nru. 366**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. VII tal-2019 imsejjaħ l-Att tal-2019 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

It-22 ta' Marzu, 2019

**Nru. 367**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 365**

**ACTING PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 21st March, 2019, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

20th March, 2019

**No. 366**

**PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VII of 2019 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2019.

22nd March, 2019

**No. 367**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)**

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Roderick Caruana | Aġent Direttur u Reġistratur tal-Istampa<br>*Acting Director and Press Registrar* | Informazzjoni<br>*Information* | 18.3.2019 and 20 - 21.3.2019 |

It-22 ta' Marzu, 2019

22nd March, 2019

**Nru. 368**

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA**

**Skema tal-Effiċjenza fl-Enerġija għal Organizzazzjonijiet tal-Isport**

SABIEX tgħin lill-organizzazzjonijiet tal-isport fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tagħhom u biex tindirizza l-mira tal-

**No. 368**

**MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT**

**Energy Efficiency Scheme for Sport Organisations**

IN order to assist sport organisations in reducing their energy consumption and to address the national final energy

konsum tal-enerġija nazzjonali finali, l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma f'kollaborazzjoni ma' SportMalta, qed tamministra l-iskema ffinanzjata fuq livell nazzjonali li ġejja li għandha l-għan li tippromwovi l-investiment li jwassal għal effiċjenza fl-enerġija mtejba fl-organizzazzjonijiet tal-isport.

consumption target, the Energy and Water Agency in collaboration with SportMalta is administering the following national funded scheme which aims to promote investment leading to improved energy efficiency in sport organisations.

**1. Id-Deskrizzjoni tal-Iskema**

L-għan prinċipali tal-iskema tal-għajnuna huwa li l-organizzazzjonijiet tal-isport itejbu r-rendiment fl-użu tal-enerġija globali tagħhom permezz ta' żieda fl-effiċjenza fl-enerġija. L-għajnuna hija intenzjonata li tiffaċilita l-investiment f'soluzzjonijiet li jikkontribwixxu b'mod dirett lejn tnaqqis fir-rekwiżiti tal-enerġija tal-benefiċjarji. Il-proġetti eliġibbli taħt din l-iskema jridu jissodisfaw waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

1) It-titjib fl-effiċjenza tat-tagħmir. L-interventi eliġibbli jinkludu iżda mhumiex limitati għall-iskrappjar ta' apparat domestiku ineffiċjenti u s-sostituzzjoni b'mudelli ġodda (il-mudell il-ġdid irid ikun ta' kapaċità/potenza elettrika simili sakemm ma jkunx ippruvat li t-tagħmir eżistenti mhuwiex irendi biżżejjed minħabba kapaċità/potenza elettrika/daqs), u t-titjib ta' muturi bi trażmissjoni b'veloċità varjabbli.

2) It-titjib fl-involukru tal-bini relatat mal-enerġija. L-interventi eliġibbli jinkludu iżda mhumiex limitati għall-iżolament tas-soqfa, is-sostituzzjoni ta' aperturi bi ħġieġa waħda b'aperturi bi ħġieġ doppju u l-installazzjoni ta' tined/apparat li jagħti d-dell xierqa.

3) It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija għal sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ. L-interventi eliġibbli jinkludu iżda mhumiex limitati għas-sostituzzjoni ta' ħiters tal-ilma tal-elettriku b'ħiters tal-ilma solari jew pompi tas-sħana arja-ilma, l-iskrappjar ta' unitajiet ta' kundizzjonaturi tal-arja qodma b'mudelli ġodda (il-mudell il-ġdid irid ikun ta' kapaċità/potenza elettrika simili sakemm ma jkunx ippruvat li t-tagħmir eżistenti mhuwiex irendi biżżejjed minħabba kapaċità/potenza elettrika/daqs).

4) It-titjib tal-effiċjenza tat-tidwil. L-interventi eliġibbli jinkludu iżda mhumiex limitati għas-sostituzzjoni ta' unitajiet tat-tidwil eżistenti għal LEDs u sistemi passivi oħra bħal sensuri ta' preżenza jew tad-dawl tax-xemx li jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum.

5) Kwalunkwe azzjoni oħra mhux ikkontemplata fil-proġetti msemmija hawn fuq li hija mistennija li tirriżulta fl-iffrankar tal-enerġija ta' mill-inqas 20% kull sena.

Il-proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin mhumiex ikkunsidrati eliġibbli taħt din l-iskema.

1. It-titjib f'tagħmir jew sistemi li jista' jkollhom impatt dirett fuq ir-riżultati tal-kompetizzjoni/il-prestazzjoni

**1. Scheme Description**

The main objective of the aid scheme is that sport organisations would improve their overall energy performance through an increase in energy efficiency. The assistance is intended to facilitate investment in solutions that contribute directly towards a reduction in the energy requirements of the beneficiaries. Eligible projects under this scheme have to satisfy one or more of the following:

1) Improvement in equipment efficiency. Eligible interventions include but are not limited to scrapping of inefficient appliances and replacement with new models (the new model has to be of similar capacity/power unless it is proved that the existing equipment is underperforming due to capacity/power/size), and upgrading motors with variable speed drives.

2) Energy related building envelope improvement. Eligible interventions include but are not limited to roof insulation, replacement of single glaze apertures to double glazing and the installation of appropriate awnings/shading devices.

3) Reduction of energy consumption for heating and cooling systems. Eligible interventions include but are not limited to the replacement of electric water heaters with solar water heaters or air to water heat pumps, scrapping of old AC units with new models (the new model has to be of similar capacity/power unless it is proved that the existing equipment is underperforming due to capacity/power/size).

4) Improvement of lighting efficiency. Eligible interventions include but are not limited to the replacement of existing luminaires to LED and other passive systems such as presence or daylight sensors which help reduce consumption.

5) Any other action not contemplated in the above-mentioned projects which is expected to result in annual energy savings of at least 20%.

Projects which fall under the following categories are not considered eligible under this scheme

1. Improvements in equipment or systems which could have a direct impact on competition results/performance.

2. Interventi li jindirizzaw sistemi tal-ilma li ma jirriżultawx fl-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali

3. L-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi

4. Oġġetti konsumabbli

5. Xogħol ta' manutenzjoni

**2. Definizzjonijiet**

Impriża unika tinkludi l-impriżi kollha li għandhom talanqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:

a) Impriża waħda għandha l-maġġoranza tad-drittijiet talvot tal-azzjonisti jew tal-membri f'impriża oħra;

b) Impriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c) Impriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt li sar ma' dik l-impriża jew provvediment fil-memorandum jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

d) Impriża waħda, li hija azzjonista jew membru ta' impriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

L-impriżi li għandhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża jew impriżi oħra għandhom jitqiesu bħala impriża unika.

Inġinier bil-warrant tfisser inġinier li jkun ingħata warrant skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321).

**3. Benefiċjarji**

Din l-iskema hija disponibbli għal organizzazzjonijiet talisport debitament irreġistrati ma' SportMalta li għandhom ilbini tagħhom jew li qed jużaw il-proprjetà tal-gvern bħala l-bini tagħhom. Interventi eliġibbli jridu jigu mwettqa fit-tali bini.

**4. Dettalji tal-Għajnuna**

L-għajnuna għandha tkun fil-forma ta' għotja.

**5. Spejjeż Eliġibbli**

Din l-iskema tista' tappoġġja investimenti f'assi tanġibbli akkwistati bħala parti minn proġett imwettaq minn impriża eliġibbli biex jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija.

2. Interventions addressing water systems which do not result in end use energy savings

3. Installation of photovoltaic panels

4. Consumables

5. Maintenance work

**2. Definitions**

Single undertaking includes all undertakings having at least one of the following relationships with each other:

a) One undertaking has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another undertaking;

b) One undertaking has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another undertaking;

c) One undertaking has the right to exercise a dominant influence over another undertaking pursuant to a contract entered into with that undertaking or to a provision in its memorandum or articles of association;

d) One undertaking, which is a shareholder in or member of another undertaking, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that undertaking, a majority of shareholders' or members' voting rights in that undertaking.

Undertakings having any of the relationship referred to in points (a) to (d) above through one or more other undertakings shall also be considered to be a single undertaking.

Warranted engineer means an engineer who has been granted a warrant under article 4 of the Engineering Profession Act (Cap. 321).

**3. Beneficiaries**

This scheme is available to sport organisations duly registered with SportMalta who own their premises or are using Government property as their premises. Eligible interventions have to be carried out in such premises.

**4. Details of Aid**

The aid shall be in the form of a grant.

**5. Eligible Costs**

This scheme may support investments in tangible assets procured as part of a project carried out by an eligible undertaking to achieve a higher level of energy efficiency.

L-għajnuna m'għandhiex tingħata fejn l-investiment u/jew it-titjib jitwettaq biex ikun hemm konformità ma' standards tal-Unjoni diġà adottati, anke meta ma jkunux għadhom daħlu fis-seħħ. L-għajnuna tingħata skont ir-Regolament de minimis. L-ispiża eliġibbli minima għandha tkun ta' EUR 250 minbarra l-VAT u l-ispiża eliġibbli massima għandha tkun limitata għal EUR 50,000 minbarra l-VAT. L-għotja għandha tkopri 100% tal-ispiża eliġibbli fil-każ ta' investimenti sa EUR 20, 000 (minbarra l-VAT) u 90% tal-ispiża eliġibbli fil-każ ta' investimenti akbar minn EUR 20,000 (minbarra l-VAT) u sa EUR 50,000 (minbarra l-VAT).

Aid shall not be granted where investment and/or improvements are undertaken to comply with Union standards already adopted, even if they are not yet in force. Aid will be granted under the de minimis Regulation. The minimum eligible cost shall be Euro 250 excl. VAT and the maximum eligible cost shall be capped at Euro 50,000 excl. VAT. The grant shall cover 100% of the eligible cost in the case of investments up to Euro 20,000 (excl. VAT) and 90% of the eligible cost in the case of investments greater than Euro 20,000 (excl. VAT) and up to Euro 50,000 (excl. VAT).

**6. Proċedura tal-Applikazzjoni**

L-organizzazzjonijiet eliġibbli se jkunu meħtieġa jirreġistraw l-interess tagħhom u japplikaw ma' SportMalta. L-applikazzjoni trid tinkludi valutazzjoni tal-proposta speċifika mħejjija minn inġinier bil-warrant. Il-valutazzjoni tal-proposta speċifika għandha tinkludi:

a) identifikazzjoni ta' liema rekwiżit(i) deskritt(i) fit-taqsima 1 qed jiġi/u indirizzat(i);

b) linja bażi ta' konsum tal-enerġija preżenti. Il-konsum tal-enerġija ppreżentat irid ikun rilevanti għall-intervent propost;

c) rakkomandazzjoni biex l-investimenti proposti jiġu segwiti, inklużi raġunijiet li jiġġustifikaw bidla fid-daqs/il-kapaċità ta' tagħmir ta' sostituzzjoni propost jekk applikabbli; u

d) analiżi tal-iffrankar tal-enerġija mistenni tal-proġett propost.

L-investiment propost bi spiża eliġibbli ta' inqas minn EUR 5 000 (minbarra l-VAT) se jiġi provdut b'għajnuna teknika mingħajr ħlas sabiex tinġabar l-informazzjoni deskritta fil-punti (a) sa (d) hawn fuq u biex tkun tista' tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. L-organizzazzjoni tal-isport jeħtieġ li tikkuntattja lil SportMalta qabel ma tippreżenta l-applikazzjoni sabiex titlob dan l-appoġġ tekniku. Applikazzjonijiet mhux kompluti ma jiġux ipproċessati. Applikazzjoni valida trid tinkludi d-dettalji kollha mitluba fil-valutazzjoni tal-proposta speċifika.

Kull applikazzjoni se tiġi vvalutata minn SportMalta, f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma. Din il-valutazzjoni se tivverifika wkoll li l-prezzijiet ippreżentati fl-istadju tal-applikazzjoni huma sa +/- 20 % tal-prezzijiet medji fis-suq. Il-proposti tal-proġett li jonqsu milli jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit se jiġu miċħuda. L-applikazzjoni trid tiġi approvata minn SportMalta qabel ma jinxtara u jiġi installat kwalunkwe tagħmir. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tal-iskema u l-applikazzjoni tirnexxi, l-applikant se jirċievi ittra dwar offerta ta' għotja valida għal 6 xhur. F'dan l-istadju l-applikant

**6. Application Procedure**

Eligible organisations will be required to register their interest and apply with SportMalta. The application must include a specific proposal assessment prepared by a warranted engineer. The specific proposal assessment should include:

a) identification of which requirement/s outlined in section 1 is being addressed;

b) a baseline of present energy consumption. The submitted energy consumption has to be relevant to the intervention proposed;

c) a recommendation for pursuing the proposed investments including reasons justifying change of size/capacity of proposed replacement equipment if applicable; and

d) an analysis of the expected energy savings of the proposed project.

Proposed investment with an eligible cost less than Euro 5,000 (excl. VAT) will be provided with free-of-charge technical assistance in order to collate the information outlined in (a) to (d) above and enable the submission of the application. The sport organisation needs to contact SportMalta prior to submitting the application in order to request such technical support. Incomplete applications will not be processed. A valid application has to include all the details required in the specific proposal assessment.

Each application will be assessed by SportMalta, in collaboration with the Energy and Water Agency. This assessment will also check that the prices submitted at application stage are within +/- 20% of the average market prices. Project proposals which fail to comply with this requirement will be rejected. The application must be approved by SportMalta before any equipment is purchased and installed. If the scheme criteria are met and the application is successful, the applicant will receive a grant offer letter valid for 6 months. At this stage the applicant may purchase and

jista' jixtri u jinstalla l-prodott. Kwalunkwe spiża mġarrba qabel il-ħruġ tal-ittra dwar offerta ta' għotja mhux se tiġi kkunsidrata bħala eliġibbli. Fil-każ ta' ċaħda, tintbagħat ittra ta' ċaħda lill-applikant mhux konformi. Ir-raġuni għaċ-ċaħda se tiġi indikata fl-ittra. Kwalunkwe talba għal reviżjoni minn applikanti miċħuda se tiġi vvalutata minn Kumitat ta' Reviżjoni maħtur b'mod speċifiku biex jisma' oġġezzjonijiet minn deċiżjonijiet taħt din l-iskema. L-applikanti se jiġu infurmati dwar id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Reviżjoni.

Wara t-tlestija tal-proposta approvata tal-proġett, il-benefiċjarju jrid jippreżenta formola ta' tlestija. Din il-formola għandha tinkludi rapport dettaljat kif ukoll talba għal rimborż. Ir-rapport għandu jinkludi dettalji tat-tagħmir installat (manifattur u mudell, numru tas-serje ta' tagħmir installat u garanzija), prova li t-tagħmir skrappjat ġie mormi b'mod korrett (jekk applikabbli) u l-iffrankar preżunt tal-enerġija vvalidat mill-inġinier bil-warrant. Fil-każ ta' proġetti bi spiża eliġibbli taħt EUR 5,000 (minbarra l-VAT), l-applikant se jiġi pprovdut b'appoġġ tekniku mingħajr ħlas sabiex ilesti r-rapport dettaljat. F'dawn il-każijiet, ladarba titlesta l-proposta approvata tal-proġett, il-benefiċjarju jrid jikkuntattja lil SportMalta biex jitlob dan l-appoġġ tekniku.

SportMalta, flimkien mal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma, se tivvaluta r-rapport dettaljat kontra informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni oriġinali ta' qabel ix-xiri. Il-valutazzjoni se tinkludi wkoll żjara fuq il-post fejn meħtieġ. Jekk il-valutazzjoni tkun sodisfaċenti u tkun ġiet ippreżentata d-dokumentazzjoni finanzjarja kollha meħtieġa, jiġi pproċessat il-ħlas tal-għotja. Il-formoli ta' tlestija li mhumiex kompleti ma jiġux ipproċessati. Il-formola ta' tlestija trid tinkludi r-riċevuta/i fiskali oriġinali kollha meħtieġa u l-fatturi kummerċjali relatati man-nefqa tal-proġett approvat.

Wara l-ħlas, il-benefiċjarju xorta waħda jkun meħtieġ jipparteċipa fi kwalunkwe verifika li tista' titwettaq.

**7. Formola tal-Applikazzjoni**

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja skont din l-iskema permezz tal-Formola tal-Applikazzjoni li tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' SportMalta (https://www.sportmalta.org.mt/).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fuq il-formola xierqa flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ kollha meħtieġa bil-posta lil: SportMalta, Energy Efficiency Support Grant, Regulatory Affairs Department, Kumpless Sportiv tal-Kottonera, Vjal il-Kottonera, Bormla BML9020.

**8. Tul ta' żmien tal-iskema**

L-applikazzjonijiet għal din l-iskema se jkunu qed jintlaqgħu bejn il-25 ta' Marzu, 2019, u s-6 ta' Ġunju, 2019.

install the product. Any cost incurred prior to the issuing of the grant offer letter will not be considered eligible. In case of rejection, a letter of rejection will be sent to the non-compliant applicant. The reason for rejection will be indicated in the letter. Any requests for review from rejected applicants will be assessed by a Review Committee specifically appointed to hear objections from decisions under this scheme. Applicants will be informed of the Review Committee decision.

Following completion of the approved project proposal, the beneficiary has to submit a completion form. This form shall include a detailed report as well as a claim for reimbursement. The report shall include details of the installed equipment (manufacturer and model, serial number of installed equipment and warranty), proof that the scrapped equipment has been disposed of correctly (if applicable) and deemed energy savings validated by the warranted engineer. In the case of projects with an eligible cost below Euro 5,000 (excl. VAT) the applicant will be provided with free-of-charge technical support in order to complete the detailed report. In such cases, once the approved project proposal is completed, the beneficiary has to contact SportMalta to request such technical support.

SportMalta in conjunction with the Energy and Water Agency will assess the detailed report against information provided in the original pre-purchase application. The assessment will also include a site-visit where necessary. If the assessment is satisfactory and all the required financial documentation has been submitted, payment of the grant will be processed. Completion forms which are incomplete will not be processed. The completion form has to include all required original fiscal receipt/s and commercial invoices relating to the expenditure of the approved project.

Following payment, the beneficiary will still be required to participate in any audits that may be carried out.

**7. Application Form**

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of the Application Form downloadable from SportMalta's website (https://www.sportmalta.org.mt/).

Applications should be submitted on the appropriate form together with all the required supporting documents by mail to: SportMalta, Energy Efficiency Support Grant, Regulatory Affairs Department, Cottonera Sports Complex, Vjal il-Kottonera, Cospicua BML9020.

**8. Duration of the scheme**

Applications under this scheme may be validly received as from the 25th March, 2019, to 6th June, 2019.

L-ebda organizzazzjoni sportiva mhu se tkun intitolata għal iktar minn applikazzjoni waħda b'suċċess f'dan il-perjodu.

L-iskema tista' tiġi modifikata jew terminata qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġġedded kif jitqies neċessarju mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma anke permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**9. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat**

L-iskema proposta hija konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru, 2013, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis (ir-Regolament de minimis).

F'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament de minimis, l-ebda għajnuna ma tingħata lil dawk l-impriżi espressament esklużi milli jirċevuha.

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħti lil impriża unika m'għandux jaqbeż EUR 200,000 (jew EUR 100,000 fil-każ ta' impriżi uniċi li jwettqu trasport tal-merkanzija bit-triq b'kiri jew bi ħlas) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament de minimis se jiġu rispettati.

Il-formola tad-dikjarazzjoni de minimis trid timtela u tintbagħat flimkien mal-formola tal-applikazzjoni. Dan se jsir sabiex jiġi żgurat li l-ammont ta' għajnuna de minimis mogħti lil impriża unika ma jaqbiżx il-limitu de minimis applikabbli fuq perjodu ta' tliet snin fiskali.

It-22 ta' Marzu, 2019

No sport organisation will be entitled to more than one successful application during this period.

The scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

**9. State Aid Rules**

The proposed scheme is in line with the Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18th December, 2013, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (the de minimis Regulation).

In conformity with Article 1 of the de minimis Regulation, no aid will be granted to those undertakings expressly excluded from receiving it.

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking shall not exceed €200,000 (or €100,000 in the case of single undertakings performing road freight transport for hire or reward) over any period of three fiscal years.

The rules on cummulation outlined in Article 5 of the de minimis Regulation will be respected.

The de minimis declaration form must be filled in and submitted together with the application form. This will be done in order to ensure that the amount of de minimis aid granted to a single undertaking will not exceed the applicable de minimis threshold over a period of three fiscal years.

22nd March, 2019

**Nru. 369**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqhuma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 369**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 22.3.2019 | €37.379 | €0.466 |

It-22 ta' Marzu, 2019

22nd March, 2019